MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 199/2014

**Wara l-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 837/06 fl-ismijiet :**

**Michaelangelo Cutajar (55663M), Maria mart Harold Fiott (301651M), Josephine (108154M), Antonia mart John Camilleri (398456M), Joseph (597557M), Peter Paul (195660M), Angela mart Nicholas Zammit (655361M), Francis Xavier (316366M), Margaret mart Christopher Borg (313068M), ilkoll ahwa Cutajar, u Felicia armla minn Peter Cutajar (54928G)**

***kontra***

**Nicholas Cutajar, fin-negozju, iben il-mejjet meter u Felicia nee` Buttigieg, imwieled u residenti s-Siggiewi, li ghandu l-Karta tal-Identita` bin-numru 98254M.**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors ta` Nicholas Cutajar tal-5 ta` Marzu 2014 ;

Ikkostatat li r-rikors jirrigwarda **<u>biss</u>** il-propjeta` li tirrizulta deskritta fil-paragrafu 15 tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet premessi ("il-Mandat").

Il-paragrafu 15 jaqra hekk :-

*Kwart indiviz ta` zewg plots inkluz l-art ta` quddiemhom sal-hitan tas-sejjiegh, kif ukoll inkluz l-arja tal-garage u l-kwota ta` wahda minn sitta parti (1/6) indiviza li l-iskop taghha tintuza bhala passagg indikat fil-pjanta mmarkata bhala Dok X bil-kulur isfar, annessa ma` l-att ippubblikat min-Nutar Philip Said, datat disgha u ghoxrin (29) ta` Jannar tas-sena elfejn, gia` formanti parti minn porzjon art maqsuma u diviza mill-ghalqa fil-limiti tas-siggiewi, kontrada ta` "Blat il-Qamar" u hekk ukoll denominata sive` "Tax-Xwieki" – tal-kejl superficjali komplessiv ta` cirka elf, sitt mija, sitta u sittin metri kwadri (1666 m.k.) –* ***<u>li minnhom cirka elf mija tmienja u erbghin (1148 m.k.) huma ntenzjonati ghall-formazzjoni tat-triq</u>*** *– tmiss minn Nofsinhar ma` propjeta` tal-Perit Boffa, mill-Punent in parti ma` propjeta` ta` Julian Farrugia u ta` Carmen Farrugia u in parti ma` propjeta` ta` l-Ufficcju Kongunt u mil-Lvant ma` propjeta` ta` l-intimat Nicholas Cutajar, Denis Cutajar, Francis Cutajar, Peter-Paul Cutajar u Charles Vassallo – bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha u bhala libera u franka minn cnus u minn pizijiet, bil-pussess vakanti ossia ma hi suggetta ghal ebda qbiela, kif deskritta fil-pjanta annessa ma` l-imsemmi att, immarkata Dok X, fejn hija ndikata bil-kulur 'blu' u dik stradali bil-kulur 'ahmar'.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Bir-rikors tieghu – u ghar-ragunijiet hemm indikati – ir-rikorrent qed jitlob lill-Qorti sabiex *tirrevoka parzjalment l-Mandat ... billi tillibera dik il-parti stradali mill-porzjoni ta` art deskritta fil-paragrafu 15 tal-istess Mandat ... mill-effetti tal-Mandat ...* Ir-rikorrent qed jirreferi ghall-parti b`enfasi u sottolinear fil-paragrafu precedenti.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors, in partikolari Dok C.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Marzu 2014.

Rat in-nota li pprezenta Michelangelo Cutajar fl-1 ta` April 2014 fejn irregistra l-opposizzjoni tieghu ghat-talba tar-rikorrent *ghaliex b`dan il-mod ikun qed jithalla inaqqas il-propjeta` li qed tiggarantixxi l-pretensjonijiet tal-esponenti minghajr ma tinghata garanzija ohra biex taghmel tajjeb ghal tali tnaqqis. Minghajr is-salvagwardji li tista` timponi dina l-Onorabbli Qorti bil-ghan li jigi garantit li l-propjeta` li ghandha tigi akkwistata minghand l-Awtorita` tad-djar ukoll tigi komplita b`dan il-mandat, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi akkolta.*

Rat in-nota li pprezentaw l-intimati **kollha** fit-3 ta` Gunju 2014.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Gunju 2014.

Rat in-nota tar-rikorrent tal-10 ta` Gunju 2014.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Gunju 2014.

Rat in-nota tal-intimati kollha tat-13 ta` Gunju 2014.

Rat l-atti tal-Mandat.

**II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Billi l-Qorti trid issib bilanc bejn l-entita` tal-kreditu pretiz mill-intimati u l-fondi kolpiti bil-Mandat li huma ntizi sabiex jikkawtelaw dak il-kreditu.

U billi dak li qieghed jitlob mir-rikorrent jaghti lok ghal provvediment li jittutela l-interessi taz-zewg partijiet.

**<u>Provvediment</u>**

**Il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent billi :-**

**1) Riferibbilment ghall-propjeta` deskritta fil-paragrafu 15 tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet premessi, qeghda tillibera mill-effetti kollha tal-Mandat l-elf mija tmienja u erbghin metri kwadri (1148 m.k.) ta` art fuq riferiti li kienu ntenzjonati ghall-formazzjoni tat-triq. Il-liberazzjoni mill-**

**effetti tal-Mandat tkun soggetta ghall-kundizzjoni li t-trasferiment ta` l-istess elf mija tmienja u erbghin metri kwadri (1148 m.k.) ta` art isir biss lill-Awtorita` tad-Djar u b`titolu ta` permuta.**

**2) B`effett mid-data tal-kuntratt tat-trasferiment tal-imsemmija elf mija tmienja u erbghin metri kwadri (1148 m.k.) ta` art lill-Awtorita` tad-Djar b`titolu ta` permuta, l-effetti tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet premessi jigu estizi biex jolqtu wkoll l-art li, in toto jew in parte, sejjer jakkwista r-rikorrent b`titolu ta` permuta minghand l-Awtorita` tad-Djar.**

**3) Tordna li l-provvediment tal-lum jigi registrat mal-awtoritajiet kollha kompetenti mir-rikorrent.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex javza bil-miktub lir-rikorrent bid-data ta` meta jkun sejjer jaghmel ir-registrazzjoni tal-provvediment tal-lum mal-awtoritajiet kompetenti. Tordna wkoll lir-rikorrent sabiex ighaddi lill-intimati kopja legali tal-atti relattivi fi zmien erbat ijiem mid-data tar-registrazzjoni.**

**5) L-ispejjez kollha ta` dan il-procediment u tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum jithallsu mir-rikorrent.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------